# L-ARMONIJA FIL-KITBA TAL-PROŻA MALTIJA

Il-kitba hija sengħa tal-moħħ. Jekk fis-Snajja' l-oħra tal-Ġmiel id-daqs, il-lewn, id-daqq jiġbdu, iżommu, ijassru l-għajn u l-widna, fil-kitba l-ħsebijiet, il-fehmiet, ix-xewqat u t-tqanqil tal-qalb, misturin taħt il-kisja tal-kelma maħżuża li u la tolqot il-għajn bi ġmielha u anqas il-widna bi ħlewwitha, jidħlu dritt f'moħħ il-qarrej u f'qalbu, jirbħuh bi ġmielhom u b'qawwithom u jqajmu ġo fih il-ħajja li fawret f'moħħ il-kittieb. Għalhekk il-kitba, aktar mis-Snajja l-oħra tal-Ġmiel, hija sengħa ruħana, għax titwieled fir-ruħ, tgħix fir-ruħ u taħdem fuq ir-ruħ.

Iżda l-kitba meta naqrawha mhux bil-moħħ biss, imma b'leħen għoli, jew b'leħen sieket li jinstama' biss mir-ruħ, tolqot ukoll il-widna u bħas-sengħa tad-daqq, għandu jkollha dik il-ħlewwa, dak it-tiżwiq u tirkib ta' ilħna tqal u ħfief, miftuħa u magħluqa, mkarkra u maħtufa, li jxebbhu dik id-daqqa li tkun tidwi ġewwa ruħ il-kittieb imqanqla millqawwa tal-ħsebijiet u mkebbsa mil-lehġa tax-xewqat. Jafuh dan il-poëti li jqabblu l-versi mad-daqqa ta' qalbhom. Imma l-proża wkoll għandha l-mużika tagħha, għandha l-armonija tagħha li jħossha l-kittieb ġewwa fih u jrid ifissirha bi kliem imqassam bi qjies sabiħ. Mhix armonija tal-poëżija, li hi marbuta mar-regoli li joħolqu dak it-tmewmiġ fil-versi li jgħidulu *ritmu*, iżda armonija oħra, ħielsa minn regoli, nieqsa mir-ritmu, imma ħelwa fil-widna.

Il-liġi ta' l-armonija fil-kitba tal-proża ħassewha u fehmuha l-akbar kittieba qodma ta' Ateni u ta' Ruma. Demósteni u, warajh, Ċiċerun fid-diskorsi tagħhom quddiem is-Senat,—ġmiel ta' kitba li ma jidbielx maż-żmien,— barra milli jagħżlu l-kliem u jorbtuh bi ħlewwa u b'qawwa li tolqot u tqanqal u tirbaħ, kienu jħobbu wkoll imellsu l-widna b'daqqa sabiħa f'tarf il-perijodu. Jiġifieri fil-kitba ta' dawn iż-żewġ oraturi kbar bosta drabi l-perijodu jagħlaq b'kelma jew kelmtejn li s-sillabi tagħhom, twal u qsar, jagħmlu kadenza li ddoqq ħelu fil-widna.

Mijiet ta' snin wara, il-kittieba Għarab kellhom sengħa oħra jew liġi oħra fl-armonija tal-proża — ir-rima—. Fil-Quran u fil-proża mirquma aktar bir-reqqa, l-aħħar kelma tal-vers tirrima ma' l-aħħar kelma tal-vers ta' qabel

jew ta' wara. Il-versi jew perijodi ma għandhom l-ebda ritmu u l-ebda kadenza, iżda rima biss, li tibqa' sejra sa erba' versi jew iżjed, u titbiddel kif irid u meta jrid l-kittieb.

Din il-liġi, ftit jew wisq, iħossuha l-kittieba kollha tal-proża, ikunu ta' liema ġens ikunu, jekk inhuma kittieba tajba u mkissra f'dak ix-xogħol; għaliex din il-liġi għandha s-sisien tagħha fin-natura, imma tinħass aktar u aħjar fejn is-sens tas-sabiħ sar iżjed dilikat u fejn is-Sengħa tal-Ġmiel għaddiet aktar il quddiem.

* * *

Il-kitba tal-Malti għandha l-armonija tagħha wkoll. Ma nafx iħosshiex kull ħadd, jew aħjar, ma nafx jifhimhiex kull ħadd, Għax kull ħadd iħoss li proża mhix bħal oħra, li waħda aktar ħafifa fil-mixja u aktar ħelwa fid-daqqa, u oħra aktar tqila u aktar iebsa. Xinhu li jagħżel kitba minn oħra ?

Nistqarr għalija n-nifsi li bosta drabi jiena u nikteb inħoss li kelma,—nom, aġġettiv, verb,—għalkemm tfisser tajjeb il-ħsieb tiegħi, trid magħha kelma o ħ r a li ma tbiddel xejn il-ħsieb iżda, marbuta mal-kelma l-oħra, bħal żewġ noti magħqudin f'akkordju, toħloq ħlewwa li togħġob lill-widna. U għalhekk it-tieni kelma għandu jkollha dak il-għadd ta' sillabi, dak il-qjies ta' vokali, dik il-qagħda ta' aċċent li jaqblu mal-kelma ta' qabel. Xi drabi wkoll inħoss li kelma għandi nqallibha minn fejn hi u nqegħidha qabel jew wara fejn l-aktar iddoqq ħelu fil-widna.

Infissru aħjar b'eżempi x'inhi l-armonija tal-proża Maltija.

> "tibqa' tixgħel u tħeġġeġ il-ħajja tal-ħedma tiegħu, ta' dik il-ħedma li minn ruħu tnisslet u ssawret". (*Ward ta' Qari Malti*, faċċ. 199).

Ara x'effett għandha l-aħħar kelma ! Neħħiha, u l-perijodu jitlef id-daqqa tiegħu. Jew inkella, biddilha u flokha ikteb: *u ħadet sura*, jew qalleb il-kliem hekk: *li tnisslet u ssawret minn ruħu*, u flok armonija tħoss daqqiet bla ħlewwa u bla togħma.

> "... kollox hu ġema', kollox hu qiegħed fiż-żġieġ b'dehen ta' għaref u bi mħabba ta' qalb mixgħula". (*Hemm*, faċċ 200).

Iż-żewġ kelmiet: *qalb mixgħula* jagħalqu l-perijodu b'kadenza sabiħa.

"Faraġ kbir inħossu f'qalbna meta naraw il-qari tagħna sejjer dejjem jinxtered" (*Leħen Il-Malti*, Nru 25, faċċ. 1).

It-taqsim tal-kliem f'dan il-perijodu fih xi ħaġa li tixbah lir-ritmu. L-ewwel erba' kelmiet huma vers tat-tmienja, bl-aċċent fuq it-tielet u s-seba' sillaba; l-aħħar tliet kelmiet huma vers tas-sebgħa. Inbiddlu issa u nqallbu l-kliem: "Inħossu f'qalbna faraġ kbir meta naraw il-qari tagħna dejjem jinxtered", jew hekk: "Inħossu faraġ kbir f'qalbna .." u l-ħlewwa tal-perijodu tħossha titbiddel, titħassar, tintilef.

"... u mat-tifkira għażiża jqanqal f'qalbna taħbit ta', mħabba ħierqa u jislet minnha kliem..." (*Leħen il-Malti*, Nru. 31, faċċ.).

Min ma jħossx li l-aġġettivi *għażiża* u *ħierqa*, għalkemm fihom infushom ma jżidux ħlief ftit dawl lill-ħsieb ewlieni ma jistgħux jitneħħew bla ma titħassar id-daqqa tal-perijodu?

"tjun ta' xibrejn fix-xtiewi; trab mikwi li joqtlok fis-sjuf;.... ħaġa ma ssibx illi tferraħlek qalbek...." (*Ward...*, faċċ. 49).

Aqra b'leħen għoli u meqjus dal-kliem, u ma tafx intix taqra proża jew poeżija. L-ewwel tliet kelmiet huma vers tas-sebgħa, li għandu d-daqqa tal-poeżija *Is-Sliem*: "Ħelwa mal-ward titbewwes" (Dun Karm *Il-Malti*, Marzu 1930, faċċ. 22). L-erba' kelmiet ta' wara: *trab... sjuf* huma vers tad-disgħa, li jaqbel mal-versi tal-poeżija *Kewkba*: "Int tiġri w ma tieqaf imkien" (Dun Karm *Il-Malti*, Marzu, 1930, faċċ 26). Il-kelmiet: *ħaġa... qalbek* huma vers tal-ħdax, li tħassru jekk tqalleb il-kliem hekk: *Ma ssibx ħaġa...*, jew tbiddel *illi* f'*li*. Ġalanton Vassallo, li minnu ħadna dan l-eżempju, hu wieħed mill-kittieba li l-aktar jolqtu l-widna.

"Le, il-mara ma ġietx fid-dinja biex tiddandan u tiżżejjen xbejba; biex titgħajjeb u tqassas meta tkun miżżewġa; jew biex tgemgem u titbekka u terfa' salib ħadd ieħor meta tixjieħ." (P. Bellanti, *Ward...* faċċ. 165).

Tliet perijodi; l-ewwel tnejn jagħalqu b'kadenza ħafifa u mgħaġġla, u l-aħħar wieħed jagħlaq b'kadenza aktar twila u tqila.

Nagħżlu xi eżempi mill-proża ta' Dun Karm u niktbu b'ittri mmejlin il-kliem li jagħlaq perijodu b'kadenza:

"... l-art fejn għad jinżel *fit-tgħanniqa tal-mewt.*" (*Il-Malti*, Marzu 1929, faċċ. 3).

"... u l-qawwa li toħroġ minnha nfisha rimi, friegħi, ward, *u biż-żmien il-frott*". (*Hemm*).

"... jekk minn fuq ma kenitx miżmuma *fid-dell*, milquta *mir-riħ, mirgħija mid-dud*". (*Hemm*, faċċ. 4).

"... issa jieħdu xejra, issa jieħdu oħra, u xejn *ma jibqa' kif ikun*". (*Hemm*).

"... ħabib tas-sewwa, għadu ta kull għamil *li jgħajjeb, li jtabba'*". (*Il-Malti*, Marzu 1930, faċċ. 3).

"... u minn qalbna tixref fuq xufftejna bi tbissima *u b'xi klejma ta' ferħ*". (*Hemm*, faċċ. 4).

"... ġmiel illi jħaddan il-ħsieb aktar *milli jqanqal il-qalb*". (*Hemm*).

U nistgħu nżidu ħafna u ħafna eżempji oħra, u nuru li l-Malti, f'idejn min jaf jaħdmu bis-sengħa, jista' jitleħħen f'daqqa ħelwa xejn inqas mill-ilsna ta' Ateni u ta' Ruma. Regoli li jmexxu din l-armonija tal-proża ma nistgħux nagħtu; l-ewwelnett għax għadha mhix magħrufa biżżejjed, u t-tieni għax dawk id-dehriet ta' ġmiel li jleħħu f'moħħ il-kittieb, u dak id-daqq ħelu li hu jħossu jidwi f'qalbu jaqbżu kull xkiel ta' regoli u jitilfu ġmielhom u ħlewwithom malli jitjassru għal-liġi miktuba. Ħaġa waħda nistgħu ngħidu: il-proża mhix poeżija, u għalhekk l-armonija jaħtieġ li tkun flokha, għaliex is-sabiħ jibqa' sabiħ sa kemm idum f'loku; iżjed, it-taqsim tal-kliem ma għandux ikun kontra l-grammatka, is-sintassi jew l-istil tajjeb, u għalhekk ma nistgħux infaħħru l-kittieb tar-rumanz *Inez Farruġ* meta jikteb: *jersqu kienu*, *bdew kienu*, *twassal kienet* u ħafna oħra.

Jitgħallmu l-kittieba ż-żgħażagħ tal-proża jorqmu l-kitba tagħhom, u l-aktar il-kitba ta' xejra għolja, b'din iż-żina, li mhix l-iżgħar waħda li ssebbaħ il-kitba Maltija.

**P. P. Saydon.**